Stqarrija – 05/10/2023

# L-Iskandlu tal-Liċenzji tas-Sewqan

Il-Moviment taż-Żgħażagħ Ħaddiema Nsara jesprimi tħassib u inkwiet dwar l-iskandlu tal-liċenzji tas-sewqan.

L-ewwelnett, ŻĦN jixtieq jikkundanna bla riserva dan l-iskandlu, prova ċara tal-inġustizzji u l-inugwaljanzi sfaċċati li qed jiġu mkattra fis-soċjetà Maltija.

Kif sħaqna dwar l-iskandlu riċenti tal-benefiċċji soċjali, li l-operat tal-entitajiet u s-servizzi tal-istat jinbidlu f'magna għax-xiri tal-voti hija inaċċettabbli, u insult għal dawk il-ħaddiema kollha onesti u bieżla li jaqilgħu l-għixien tagħhom mingħajr ma jfittxu xi pjaċir.

Mill-messaġġi bejn uffiċjali mlaħħqin f'diversi istituzzjonijiet pubbliċi svelati din il-ġimgħa, jidher ukoll li dan l-abbuż qed jitwettaq akkost tas-sigurtà tal-ħaddiema u l-poplu Malti kollu fit-toroq.

Il-fatt li dan l-abbuż qed jiġi ddefendut bħala parti ntegrali mill-proċess politiku Malti huwa ta' nkwiet kbir. Li wieħed jinqeda b'dawn il-mekkaniżmi tal-istat ma jkunx qed ikun viċin in-nies, imma jkun qed jissogra ħajjet iċ-ċittadini u jherri s-sisien tad-demokrazija Maltija.

Moviment Żgħażagħ Ħaddiema Nsara

żgħażagħ ħaddiema nsara
6, Triq Pietro Floriani, Floriana, FRN 1060
zghazaghhaddiemansara@gmail.com
Registered Voluntary Organisation VO/0122